MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Numru. 112/2007

Il-Pulizija
(Sp Johan Fenech)
vs
Cynthia Psaila, bint Joseph, imwielda Pieta’ fis-7 ta’ April, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fl-14 ta’ Novembru, 2004 għal habta tad-disa’ nieqsin għaxra ta’ fil-għaxija, fl-għassa ta’ Birżebbuġia, bil-ħsieb li tagħmel ħsara lil xi persuna akkużat lil dik il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’reat filwaqt li kienet taf li dik il- persuna kienet innoċenti;
2. talli fl-istess data, lok u ħin iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq ħolqot

traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

3. talli fl-istess data, kif ukoll fil-15 ta' Novembru, 2004, fl-għassa ta' Birżebbuġia u f'postijiet oħra, bil-qerq ħolqot jew ġiegħlet tidher li donnu kien hemm fatt jew ċirkostanża, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanża jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

4. talli fil-15 ta' Novembru, 2004 fl-għassa ta' Birżebbuġia, ħalfet il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjali ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata fl-14 ta' novembru, 2004 marret l-għassa tal-pulizija ta' Birżebbuġia fejn infurmat lill-pulizija li hi ġiet stuprata minn żewġha. Konsegwenza ta' dan ir-rapport l-imputata ttieħdet l-isptar għall-investigazzjoni medika u nfetħet inkjesta bil-Maġistrat.

Illi mill-eżami mediċi rrizulta li hi kellha x'taqsam mar-raġel iżda l-espert medico-legali ma sab ebda traċċi ta' vjolenza fuq il-persuna tagħha. Qed jingħad li hi kellha x'taqsam mar-raġel għaliex żewġha stess stqarr li hu kellhu x'jaqsam magħha iżda hu nnega li uża vjolenza fuq il-persuna tagħha jew li kellhu x'jaqsam magħha mingħajr il-volonta' tagħha.

Illi mill-inkjesta Maġisterjali jirrizulta li l-imputata l-għada li għamlet ir-rapport iddikjarat li ma tridx tieħu passi kriminali kontra żewġha.

Illi l-imputata rrilaxxat stqarrija lill-pulizija fis-27 ta’ jannar, 2007 fejn reġgħet ikkonfermat dak li qalet fl-14 ta’ novembru, 2004 u reġgħet tenniet li ma riditx li jieħdu passi kontra l-ex żewġha. Fil-fatt jirrizulta li fix-xahar ta’ Awwissu, 2005 il-kojuġi kienu ssepparaw.

Illi f’dan il-każ hemm il-kelma tal-imputata kontra l-kelma ta’ r-raġel tagħha, ta’ x’ġara fid-dar konjugali tagħhom. Huwa veru li l-espert medico-legali ma sab ebda traċċa ta’ vjolenza fuq il-persuna ta’ l-imputata iżda b’daqshekk wieħed ma jistax jeskludi l-fatt li l-versjoni ta’ l-imputata setgħet kienet vera.

Għaldagstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha minn kull akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------